Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

Data tal-laqgħa: 26 ta' Marzu 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat Caruana – Kunsillier (wasal fil-4.20pm)
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 60

61.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 60. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

61.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 61.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

61.3.1 <u>Para 60.10.1 - Toroq li se jsiru minn *Infrastructure Malta*</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ntbagħtet *email* lill-Inġ. Fredrick Azzopardi (*Infrastructure Malta*) u lill-Ministru Dr Ian Borg u għadna qed nistennew risposta.

61.3.2 <u>Para 60.10.12 - Talba biex isiru *sleeping policemen* u mera fi Triq Birbal</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li TM ikkonfermaw li ma jqiegħdux *sleeping policemen* f'toroq arterjali.

## 61.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

61.4.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ma kellux komunikazzjoni xi jressaq.

## 61.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

61.5.1.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' staqsa kif bqajna fuq il-kwistjoni tar-restawr tan-niċċa fi Triq it-Tliet Knejjes k/m Triq il-Providenza.

61.5.1.2 Is-SE infurmat li se nkellmu lill-sid il-proprjeta' biex jiġi identifikat x'tip ta' għajnuna għandu bżonn biex jitwaħħal is-salib, biex naraw nistgħux inwaħħlu s-salib bil-ħaddiema tal-Kunsill.

61.5.2.1 Il-Kunsillier Joe Galea staqsa lis-Sindku jekk xi ħadd ilmentax fuq id-distribuzzjoni tal-kontenituri tal-iskart.

61.5.2.2 Is-Sindku qal li ma rċieva l-ebda lment dwar dan.

61.5.3.1 Is-Sindku staqsa fuq it-tliet (3) *parking bays* li tneħħew minn faċċata ta' sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kbira (maġenb il-Każin Marija Annunzjata).

61.5.3.2 Is-SE infurmat li dawn tneħħew bil-qbil tal-Kunsilliera kollha, sakemm jinbena l-ewwel saqaf u tiġi ssudata t-triq fejn qed tinżel, biex il-bennej ikun jista' jneħħi l-*boundary wall.* Is-SE infurmat ukoll li dawn tneħħew bil-kundizzjoni li l-*boundary wall* irid jitneħħa sal-aħħar ta' Ġunju 2019.

## 61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

61.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**F'dan il-ħin (4.20pm) daħal il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana għal-laqgħa.**

## 61.7 Kuntratt ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat

61.7.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li, wara li bagħtet liż-żewġ skemi biex nistaqsuhom jekk humiex lesti li joffru s-servizz ta' ġbir ta' skart separt darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa, ġiet infurmata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill ma jistax jitlob biex jiġu pprovduti aktar servizzi minn dak propost wara li tkun diġa' għalqet is-sejħa għal proposti u għalhekk il-Kunsill għandu jikkunsidra l-proposti li nbagħtu oriġinarjament.

61.7.2 F'dan ir-rigward, is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-proposti mibgħuta minn Green MT u GreenPak għal kuntratt il-ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat. Kopja ta' dawn il-proposti ngħatat lill kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

61.7.3 Il-Kunsilliera reġgħu raw u ddiskutew il-proposti mressqa miż-żewġ kumpaniji, fejn ġie rrimarkat liż-żewġ proposti huma simili ħafna. Ġie rrimarkat ukoll li l-Kunsill minn dejjem kellu l-ftehim mal-GreenPak u s-servizz dejjem ingħata tajjeb u mingħajr problemi. Il-Kunsill jinsab sodisfatt bis-servizz li qed jingħata minn GreenPak.

61.7.4 Għalhekk, fuq proposta tas-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri, li kienet issekondata mill-Kunsillier Joe Galea, il-Kunsill unaninimament approva li dan il-kuntratt jerġa' jingħata lil GreenPak.

## 61.8 *Bye-Law* dwar kontroll tal-ħamiem

61.8.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-avviżi dehru fil-gazzetti, hekk kif kien approvat fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet.

61.8.2 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-*Bye-Law* dwar il-kontroll tal-ħamiem, kemm tal-verzjoni bil-Malti kif ukoll tal-verżjoni bl-Ingliż (Dok 1).

61.8.3 Is-Sindku talab li niċċekkjaw mal-avukat tal-Kunsill jekk kif qed tiġi proposta l-*Bye-Law,* il-Kunsill ikunx kopert legalment f'dawn iż-żewġ punti:

1. Jekk ma jinstabx is-sid tal-proprjeta' li tkun aċċessibbli għall-ħamiem, inkunux nistgħu naħdmu bis-sistema tal-affissjoni mal-bieb tal-proprjeta' u l-Kunsill jieħu passi legali xorta waħda;
2. Jekk ma tittieħidx azzjoni mis-sidien, il-Kunsill jistax jagħlaq il-proprjeta' hu u jintalbu l-ispejjeż lis-sidien.

61.8.4 Il-Kunsill iddiskuta u approva li jekk l-avukat tal-Kunsill tikkonferma li l-*Bye-Law* proposta tkopri dawn iż-żewġ punti, is-SE għandha tibgħat kopja tal-*Bye-Law* proposta lid-Direttur għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tal-Ministru. Jekk l-avukat tal-Kunsill, tinfurma li dawn iż-żewġ punti għandhom jitniżżlu biex il-Kunsill ikun kopert, il-*Bye-Law* għandha tiġi emendata, u terġa' tiġi ppreżentata għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 61.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

61.9.1 <u>Protokoll Lokali</u>
Ġie nnutat Komunikat 3/2019 mibgħut mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali dwar il-Protokoll Lokali.

61.9.2.1 <u>*EuroMed Regional Congress* 2019</u>
Ġiet innutata korrispondenza dwar il-*EuroMed Regional Congress* li ser ikun organizzat f'April 2019 minn EGEA Malta. Għal dan il-kungress ser ikun hemm madwar 80 parteċipant Ewropej. Jekk il-Kunsill jipparteċipa, ser tiġi organizzata attivita' għal studenti tas-sitt (6) sena flimkien mal-anzjani fejn ser jintwera d-dokumentarju *'A Plastic Ocean'* li jkun segwit b'diskussjoni.

61.9.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk l-Iskola Primarja ta' San Alwiġi jaċettaw li jospitaw din l-attivita' fis-sala tal-iskola mingħajr ħlas, il-Kunsill jipparteċipa f'dan il-kungress billi jħallas parti mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tal-parteċipanti li ser jattendu l-kungress (€500), kif ukoll tiġi organizzata l-attivita' għal studenti tas-sitt (6) sena flimkien mar-residenti tal-lokalita', b'hekk ikun jista' jattendi kulħadd.

61.9.3.1 <u>*One-Way System* fi Triq Annibale Preca u Triq il-Kunċizzjoni, Ħal Lija</u>
Il-Viċi Sindku Andre' Grech infurma lill-Kunsill li ltaqa' mas-Sindku ta' Ħal Lija u ta' Ħ'Attard, fejn is-Sindku ta'

Ħal Lija spjegatilhom fuq il-post kif ser tiġi din il-*One-Way System.*

61.9.3.2 Is-SE infurmat li TM baqgħu qatt ma rrispondew għat-talba biex issir laqgħa fil-preżenza ta' uffiċjali minn TM. Is-SE infurmat ukoll, li wara li saret il-laqgħa mas-Sindku ta' Ħal Lija, il-Kunsill ta' Ħ'Attard iddiskuta din il-kwistjoni u b'vot unanimu ma jaqbilx u huwa kompletament kontra din il-*one-way system.*

61.9.3.3 Il-Kunsill reġa' ddiskuta din il-*One-Way System* u unanimament ma jaqbilx u qed joġġezzjona għal din il-*one-way system*, għar-raġuni li kif qed jiġi propost, it-traffiku kollu li jkun ġej min-naħat ta' Ħ'Attard, Ta' Qali, Mosta ser jintefa' kollu fiċ-ċentru tar-raħal ta' Ħal Balzan.

61.9.4.1 *Parking bays* fi Triq il-Qarċilla

Il-Kunsillier Joe Galea qed jissuġġerixxi li l-*parking bays* fi Triq Qarċilla (il-parti ta' bejn Triq San Franġisk u Triq Patri Ġuże' Delia) jiġu fuq naħa waħda, peress li kif qiegħdin huma ta' periklu għax il-karozzi qed ikollhom iserrpu minn naħa għall-oħra. Biex dan isir, jiġu affetwati 2 *parking bays* biss għax il-kumplament qiegħdin man-naħa l-oħra tat-triq, b'waħda minnhom tintilef peress li m'hemmx fejn issir mingħajr ma tostakola l-garaxxijiet.

61.9.4.2 Din it-talba ma ġietx approvata għax jekk il-*parking bays* jiġu fuq naħa waħda, tiżdied il-problema ta' *overspeeding.*

61.9.5.1 *Live Skyline Webcam* fil-pjazza

Wara li fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana issuġġerixxa li tiġi nstallata *Live Skyline Webcam* fil-pjazza biex nippromwovu aktar il-*Heritge Trail,* il-kumpanija li tipprovdi dan is-servizz, qalet li ma nistgħux nużaw il-*camera* li ser titneħħa mill-Wied ta' Ħal Balzan u għalhekk bagħtu xi kwotazzjonijiet.

61.9.5.2 Il-Kunsill qabel li l-aħjar li tiġi nstallata l-*webcam* li tiswa €400 + VAT minflok dik li trid tħallas rata fix-xahar. Il-Kunsill ukoll irid jipprovdi konnessjoni tal-internet (€35 fix-xahar) u provvista tad-dawl.

61.9.5.3 Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana ser jiċċekkja jekk hemmx bżonn li jsir *Data Protection Impact Assessment (DPIA)* minħabba l-GDPR, jistaqsi l-Kummissarju tal-Pulizija jekk jagħtix permess li l-*webcam* teħel fuq l-għassa u jekk nistgħux nużaw id-dawl mill-għassa jew irridux napplikaw għal *meter* ġdid tad-dawl. Kif ikollna l-informazzjoni kollha, terġa' tiġi diskussa.

61.9.6 Proposta għal tħawwil ta' siġar f'Ħal Balzan

Ġiet innutata proposta mibgħuta minn resident dwar tħawwil ta' siġar f'Ħal Balzan. Il-Kunsill irrimarka li, ir-resident ħejja rapport dettaljat ħafna li l-Kunsill jista' jirreferi għalih fil-futur meta jkun ser iħawwel xi siġar ġodda. Il-Kunsill ħa nota ta' dan ir-rapport u jiġi diskuss fil-Leġislatura li jmiss.

61.9.7.1 Permessi maħruġa mill-Kunsill

Il-Kunsillier Daniel Muscat Caruana issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel *policy* biex meta jkun ser jibdew xogħlijiet ta' kostruzzjoni, il-Kunsill apparti mill-garanzija ta' €232.94 (għal ħsara li tista' ssir lit-triq u l-bankina), jibda jitlob ukoll *condition report* (li jsir mill-perit tal-applikant) tat-triq u l-bankina ta' quddiem is-sit ta' kostruzzjoni. B'hekk il-Kunsill ikollu stampa ċara tal-istat tat-triq u l-bankina, qabel ma jibdew ix-xogħlijiet.

61.9.7.2 Il-Kunsill unanimament approva din il-*policy*.

## 61.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

61.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 3/19 li tammonta għas-somma ta' €21,138.97c, li tinkludi l-ammont ta' €123.03c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

61.10.2 Ġiet irranġata d-deskrizzjoni ta' pagament nru. 10 (ċekk 9341) peress li l-ispiża hija relatata mal-ikel u *tour* mal-fabbrika u mhux ikel biss.

61.10.3 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 61.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

61.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.15pm.

61.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 25 ta' April 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 25 ta' April 2019.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

# BYE-LAWS DWAR KONTROLL TAL-ĦAMIEM

# (KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN)

**1.** It-titolu ta' dawn il-Bye-Laws hu Bye-Laws dwar Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Ħal Balzan) Titolu.

**2.** F'dawn il-Bye-Laws, kemm -il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg xort'oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"ħamiem domestiku" tfisser ħamiem li jkun miżmum f'post ta' abitazzjoni jew xi post ieħor għal skop ta' rikreazzjoni, passatemp jew sport;

"ħamiem selvaġġ" tfisser ħamiem li ma jkunx ħamiem domestiku;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan;

"Lokalità" tfisser il-lokalità ta' Ħal Balzan kif murija fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att.

**3.1** F'kull parti tal-lokalità hu projbit li persuna titma' ħamiem selvaġġ. Mhux permess li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

**3.2** Hu projbit ukoll li persuna tħalli, b'mod volontarju, ikel f'postijiet aċċessibbli għall-ħamiem selvaġġ.

**3.3** Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordinament ma japplikawx għal dawk il-persuni li jrabbu jew jieħdu ħsieb ħamiem domestiku.

**4.** Il-propjetarji ta' proprjetà immobbli ġewwa l-lokalita' li ma tkunx abitata, għandhom jiżguraw li l-imsemmija proprjetà tkun imbarrata b'tali mod li ma jkunux jistgħu jidħlu jew ibejjet ħamiem selvaġġ ġewwa fiha. Propjretà immobbli abbandunata.

**5.** Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet ta' dawn il-Bye-Laws tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u tista', meta tinsab ħatja, sakemm ma tkunx applikabbli piena ogħla taħt xi liġi oħra, teħel: Penali.

5.1 għall-ewwel kontravvenzjoni ammenda ta' sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59);

5.2 għat-tieni kontravvenzjoni jew għal kull kontravvenzjoni oħra li tiġi wara, ammenda ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88); u

5.3 fil-każ ta' kontravvenzjoni kontinwata, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull jum li matulu tkompli l-kontravvenzjoni.

# BYE-LAWS FOR THE CONTROL OF PIGEONS

# (ĦAL BALZAN LOCAL COUNCIL)

**1.** The title of these Bye-Laws is Bye-Laws for the Control of Pigeons (Ħal Balzan Local Council). Citation.

**2.** In these Bye-Laws unless the context otherwise requires: Interpretation.

"the Act" means the Local Councils Act; Cap. 363.

"Council" means the Ħal Balzan Local Council;

"domestic pigeons" means pigeons which are kept in a residential place or in some other place for the purpose of recreation, hobby or sport;

"locality" means the Ħal Balzan locality as shown in the Second Schedule to the Local Councils Act;

"wild pigeons" means pigeons which are not domestic pigeons.

**3.1** The feeding of wild pigeons in any part of the locality is prohibited. The feeding of wild pigeons by any person is prohibited.

**3.2** It is also prohibited for any person to voluntarily leave food in places which are accessible to wild pigeons.

**3.3** The provisions of this Bye-Law do not apply to those persons who keep or take care of domestic pigeons.

**4.** The owners of abandoned immovable property within the locality shall ensure that the said property be sealed in such a manner that no pigeons can go in or make nests therein. Abandoned immovable property.

**5.** Any person who fails to comply with any of the provisions of these Bye-Laws shall be deemed to have committed a contravention and shall, on conviction, be liable unless a higher penalty is applicable under any other law: Penalty.

5.1 for a first contravention to a fine (ammenda) of forty-six euro and fifty-nine cents (€46.59);

5.2 for a second or subsequent contravention to a fine (ammenda) of sixty-nine euro and eighty-eight cents (€69.88); and

5.3 in the case of a continuing contravention to a fine (ammenda) of eleven euro and sixty-five cents (€11.65) for each day that the contravention continues.